27 ta' Ottubru, 1952.

**Imħallfin :**

**Is-S.T.O. Dr. L. A. Camilleri, LL.D., *President* :**
**L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.**
**L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.**

Antonio Zahra ne. *versus* Leon Misrahi ne.

**Bejgħ — Konsenja ta' Merkanzija — Spejjeż — Klawsola "Posto Banchina" — Art. 1434, 1433 (1) (2), u 1483 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Skond il-liġi, il-merkanzija mibjugħa għandha ssir fil-lok li fih il-ħaġa kienet teżisti fil-mument tal-bejgħ. L-ispejjeż tal-konsenja, li jik-komprendu dawk ta' l-użin, għandu jbatihom il-venditur; men-tri l-ispejjeż tal-ġarr għandu jbatihom il-kumpratur. Meta ż-żmien u l-lok tal-ħlas tal-prezz ma jkunx ġie miftiehem, il-kumpratur għandu jħallas dak il-prezz fiż-żmien u fil-lok tal-konsenja tal-ħa-ġa; u l-venditur mhux obligat jikkonsenja l-ħaġa jekk il-venditur ma jħallasx il-prezz tagħha, ħlief meta l-venditur ikun ta lill-kum-pratur żmien għall-pagament.*

*B'dan kollu, il-kontraenti jistgħu jiftehmu li l-konsenja ssir f'lok di-vers minn dak fejn tinsab il-merkanzija, għax ma hemm xejn li*

*jimpedixxi lill-kontraenti li jagħmlu determinazzjoni speċjali u diversa minn dik tal-liġi kif fuq imfissra. U dina d-determinazzjoni diversa tista' tkun tant espressa kemm taċita; u d-determinazzjoni diversa taċita tista' tirriżulta, b'mod partikulari, mill-klawsoli relativi għall-ispedizzjoni u għat-trasport.*

*Jekk il-bejgħ isir bil-klawsola "posto banchina", il-partijiet jidderogaw għad-dispost tal-liġi li jakkolla l-ispiża tal-ġarr fuq il-kumpratur, u l-lok tal-konsenja ma jibqax dak ta' fejn kienet teżisti l-merkanzija meta sar il-bejgħ, imma jkun dak ta' fejn il-merkanzija għandha tiġi konsenjata. U għalhekk il-venditur ma jistax jippretendi li, għax il-kumpratur ma ħallasx l-ispejjeż, huwa kien maħlul mill-ftehim u li jista' jżomm il-parti tal-prezz li kien taħ il-kumpratur akkont.*

Il-Qorti, — Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ, li biħ l-attur nomine ppremetta li fl-10 ta' Frar 1952, sar kuntratt ta' bejgħ u xiri bejn Giovanni Catarame ta' Catania u d-ditta konvenuta, fejn l-imsemmija ditta biegħet lil Catarame, li xtara, partita ta' ċirka tliet mitt tunnellata ħbula wżati mhux imħerrija ("cordame usato non marcito"), bil-prezz ta' xelin u nofs kull kilogramma, "posto banchina Malta" (Dok. A); illi akkont ta' dana l-prezz Catarame ta f'idejn id-ditta konvenuta £50, u obliga ruħu li jirtira l-merkanzija f'xahar żmien; u d-ditta konvenuta baqgħet libera li tbiegħ il-merkanzija jekk jeċċedi dan iż-żmien li fih ma tkunx imħallsa; illi fis-7 ta' Marzu intbagħtet ittra uffiċjali lill-attur ħalli tiġi rtirata din il-merkanzija tal-10 ta' Frar 1952, inkella tintilef is-somma ta' £50, salvi drittijiet oħra tad-ditta konvenuta; għal-liema ittra uffiċjali hu rrisponda, b'ittra uffiċjali oħra tat-8 ta' Marzu 1952, li huwa lest biex jirtiraha għan-nom ta' Catarame, bil-patt li l-ħbula ma jkunux imħerrija, u li d-ditta konvenuta titħallas malli tiġi konsenjata l-partita kollha; u li, kif jiġi pruvat, id-ditta konvenuta naqset li tikkonsenja l-merkanzija in kwistjoni fiż-żmien stipulat, u għalhekk fil-11 ta' Marzu 1952 intbagħtet ittra uffiċjali oħra ħalli tirrestitwixxi l-imsemmija £50, bl-imgħaxijiet kummerċjali; u talab li, premessi kwalunkwe neċessarja dikjarazzjoni u provvediment opportun, il-konvenut għad-ditta "A. Misrahi & Sons" jiġi kundannat iħallsu fil-kwalitajiet fuq imsemmija s-somma ta' £50, li hija f'idejh

bhala parti mill-prezz ta' l-imsemmija bbula mibjugha lil Catarame, kif fuq imqal, bil-kuntratt tal-10 ta' Frar 1952 fuq imsemmi; bl-ingħax kummercjali mill-10 ta' Frar 1952; u dan billi naqas jikkonsenja l-merkanzija fiż-żmien stipulat; u bl-ispejjeż, komprizi dawk ta' l-ittri ufficjali tat-8 u tal-11 ta' Marzu 1952, u tal-mandat ta' qbid tal-15 ta' Marzu 1952;

*Omissis;*

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ tad-29 ta' Mejju 1952, li biha dik il-Qorti laqghet it-talbiet ta' l-attur nomine, bl-ispejjeż; billi kkunsidrat;

Illi fil-kuntratt tal-bejgh bejn il-kontendenti, relativament ghall-merkanzija indikata fl-att taċ-ċitazzjoni, jingħad :— "I venditori Signori Misrahi accettano di vendere, e vendono, al Signor Catarame, che compra, una partita circa di tre cento tonnellate di cordame usato non marcito, al prezzo di 1s. 6d. per chilogramma 'posto banchina Malta'. Il Signor Catarame versa una caparra di lire sterline cinquanta, e si obbliga di ritirare la merce entro un mese dal presente contratto. I Signori Misrahi saranno liberi di rivendere la merce se eccede questo tempo e non saranno entro questo tempo saldati per tutta la partita. La commissione di cinque lire sterline sopra questa merce sarà pagata ai Signori Bonnici e Zahra dai venditori";

Il-kuntratt igib id-data ta' l-10 ta' Frar 1952;

Illi fil-fatt gara, kif jirriżulta mill-kumpless tal-provi, li l-attur nomine (il-kumpratur) fis-6 ta' Marzu 1952, mar biex jirtira l-merkanzija fil-post fejn kienet qiegħda, u meta tgħabbha truck, il-konvenut (venditur) ried li tigi peżata l-merkanzija ta' dak it-truck u jithallas dak il-ħin stess tal-prezz tagħha. L-attur nomine irrifjuta, l-ghaliex deherlu li kellu jithallas fil-post fejn, skond il-kuntratt, il-konvenut kellu jagħmel il-konsenja. Il-konvenut baqa' jinsisti li jithallas dak il-ħin, u ghalhekk ma ppermettiex li tigi trasportata dik it-tagħbija. L-għada l-attur nomine staqsa lill-konvenut jekk kienx baqa' bl-istess ħsieb, u l-konvenut irrispondih affermativament. Il-konvenut imbagħad spedixxa lill-attur nomine l-ittra ufficjali li biha sejjaħlu biex jirtira l-merkanzija fi żmien erbgħa u għoxrin siegħa, u l-attur nomine mar biex jirtiraha; iżda regghet qamet l-istess kwistjoni dwar meta kellu jsir il-ħlas, jekk,

jiġifieri, qabel il-ġarr tal-merkanzija fil-post fejn kienet, jew fuq il-bankina meta tasal f'dak il-post. Imma l-kontendenti spiċċaw biex ftehmu li l-ħlas isir meta l-merkanzija tkun quddiem il-post tad-ditta "Bonnici & Zahra", qabel ma tiġi skarikata;

Inqalgħet, iżda, kwistjoni oħra, billi l-attur nomine ma riedx iħallas £2 prezz tal-kiri taż-żewġ trucks, li l-konvenut kien ipprovda għall-ġarr tal-merkanzija fl-okkażjoni ta' qabel. L-attur nomine ppretenda li ma kellux iħallas dawk l-ispejjeż, billi ppretenda li kellu raġun meta ried iħallas wara t-trasport u l-iskarikazzjoni tal-merkanzija; u dina l-merkanzija allura baqgħet fejn kienet. Il-konvenut fis-6 ta' Marzu 1952 kien spedixxa telegramm lil Catarame, li kien Catania, u bih infurmah bil-kwistjoni li kienet inqalgħet għal dik il-ġurnata tas-6 ta' Marzu, u talbu jittelegrafalu (fol. 9). Catarame rrispondih l-għada, 7 ta' Marzu, b'telegramm, fejn qallu "Bonn Zara (id-ditta "Bonnici & Zahra") salderà ammonto cordame" (fol. 8), għalkemm il-konvenut xehed li ma rrispondih xejn (fol. 26 tergo). Meta, in segwitu, Catarame ġie Malta, qal li ma kellux bżonn aktar il-merkanzija. Il-konvenut allura qallu li kien tilef il-£50, u billi Catarame ppretenda li ma kellux jitlifhom, il-konvenut issuġġerielu li jieħu l-merkanzija u jitlef £15. Catarame, wara li ħa ftit taż-żmien biex jaħsibha, ried jieħu tunnellata waħda minflok tlieta; imma l-konvenut ma aċċettax. In segwitu ppruvaw jiftehmu fis-sens li Catarame jieħu l-merkanzija kollha u jitlef £10 biss; imma lanqas dan il-ftehim ma sar;

Illi, skond il-liġi:—

1. Il-konsenja għandha ssir fil-lok li fih il-ħaġa mibjugħa kienet tinsab fiż-żmien tal-bejgħ (art. 1434 Kodiċi Ċivili);

2. L-ispejjeż tal-konsenja, li fihom jidħlu dawk ta' l-użin, ibatihom il-venditur (art. 1433 (1) (2) Kodiċi ċitat);

3. L-ispiża tal-ġarr ibatiha l-kumpratur (art. 1433 (4));

4. Meta ż-żmien u l-lok tal-ħlas tal-prezz ma jiġix miftiehem, il-kumpratur għandu jħallas fiż-żmien u fil-lok tal-konsenja tal-ħaġa (art. 1483 Kodiċi Ċivili);

5. Il-venditur mhux obligat jikkonsenja l-ħaġa jekk il-

kumpratur ma jħallasx il-prezz tagħha, ħlief meta l-venditur ikun ta lill-kumpratur żmien għall-pagament (art. 1441 Kodiċi citat);

Il-konsenja għandha ssir fil-lok li fih il-ħaġa kienet tinsab, iżda jista' jiġi diversament pattwit; għaliex ma hemm xejn li jimpedixxi lill-kontraenti li jagħmlu determinazzjoni speċjali u diversa, li, skond id-dottrina u l-ġurisprudenza, tista' tkun ugwalment espressa jew taċita; u dina tista' b'mod partikulari tirriżulta mill-klawsoli relativi għall-ispedizzjoni u għat-trasport;

Illi, fil-każ preżenti, il-merkanzija nbiegħet "al prezzo di 1s. 6d. per chilogramma — posto banchina Malta"; u b'hekk ċertament il-kontraenti dderogaw, kif setgħu liberament jagħmlu, għad-dispożizzjoni tal-liġi illi l-ispiża tal-ġarr ibatiha l-kumpratur. Jirriżulta li kien il-konvenut li kellu jaħseb għat-trasport tal-merkanzija, u li fil-fatt kien huwa li kera t-truck għall-ġarr tagħha. Dawna ċ-ċirkustanzi ħimkien, u raġjonevolment interpretati fuq l-iskorta tad-dottrina, għandhom juru li l-kontraenti dderogaw ukoll, kif kellhom id-dritt li jagħmlu, għad-dispożizzjoni tal-liġi dwar il-lok tal-konsenja, u stabbilewha għal fuq il-bankina; u allura, skond il-liġi, il-ħlas kellu jsir fuq il-bankina fil-ħin tal-konsenja ta' l-istess merkanzija, kif ippretendih l-attur nomine;

Illi jista' f'dan il-pont jiġi osservat li l-attur nomine mar fil-lok fejn kienet il-merkanzija, meta kienet sejra titgħabba, u ried li tiġi peżata f'dak il-post; iżda dawn iċ-ċirkustanzi, rettament interpretati, ma għandhomx jimpurtaw tbiddil tal-lok fejn, skond id-determinazzjoni fil-kuntratt, kellha ssir il-konsenja. Invero, l-attur nomine mar, mhux biex jirċievi l-konsenja tal-merkanzija, imma biex l-għażla tal-ħbula tajba mill-ħżiena ("marciti") issir mill-ewwel fil-post fejn kienu qegħdin il-ħbula, u mhux wara li jkun sar it-trasport. Il-merkanzija, anki f'dan il-każ, kienet tiġi trasportata fuq it-Trucks mikrijin mill-konvenut; u kwindi kienet tibqa' taħt il-kontroll tiegħu sakemm tiġi trasportata u konsenjata fuq il-bankina, u l-konvenut ma setax iġib l-iskuża li adduċa fix-xhieda tiegħu, li ma riedx jagħti lill-attur nomine fiduċja, u kwindi ma riedx jitlaq il-merkanzija minn taħt idejh qabel ma jirċievi l-flus, billi, kif intqal, il-merkanzija kienet tibqa' taħt

idejh fil-kors tat-trasport kollu, billi fil-fatt kien ikun huwa li jkun qiegħed jittrasportaha per mezz ta' trucks mikrija minnu;

Illi però, kif ġa ġie rilevat, il-kontendenti spiċċaw biex ftehmu li l-ħlas kellu jsir meta l-merkanzija tkun quddiem il-post ta' "Bonnici & Zahra" qabel ma tiġi skarikata — ċirkustanza dina li tista' wkoll isservi sabiex twettaq dak li ntqal fil-paragrafu preċedenti, billi turi li anki l-konvenut kien jifhem illi fil-kors tat-trasport sa l-iskarikazzjoni l-merkanzija kienet tibqa' taħt il-kontroll tiegħu. Dan il-ftehim, iżda, ma sewa għal xejn, għax qamet bejn il-kontendenti l-kwistjoni l-oħra fuq indikata dwar min kellu jħallas l-ispiża tal-kiri tat-trucks mikrijin għall-ġurnata ta' qabel. Jekk dina biss kienet il-kwistjoni, il-konvenut ma kellux raġun jirrifjuta li jittrasporta l-merkanzija quddiem il-post tad-ditta "Bonnici & Zahra" skond l-aħħar ftehim, għaliex din ma kienetx kwistjoni li tirrigwarda l-ħin u l-lok tal-pagament; fi kliem ieħor, il-kwistjoni ma kienetx timplika pretensjoni tal-kumpratur li ma jħallasx fil-ħin u fil-lok tal-konsenja, kif stabbiliti fl-aħħar ftehim, quddiem il-post tad-ditta "Bonnici & Zahra"; u allura l-konvenut ma kienx ikun jista' jinvoka favur tiegħu l-imsemmija dispożizzjoni tal-liġi illi l-venditur mhux obligat jikkonsenja l-ħaġa jekk il-kumpratur ma jħallasx il-prezz tagħha. Skond ix-xhieda tal-konvenut nomine l-kwistjoni kienet tirrigwarda biss l-imsemmi prezz tal-kiri tat-trucks fuq indikati; huwa jippretenda li ma għandux iħallsu huwa, peress illi deherlu li dik l-ispiża inutili ma ġietx kaġunata ħtija tiegħu, billi deherlu li, qabel ma sar l-aħħar ftehim, skond il-kuntratt kellu raġun jirritjeni li l-ħlas isir mal-konsenja fuq il-bankina, u meta rrifjuta jħallashom qal lill-konvenut li din kienet ir-raġuni; u għal dan, mingħajr dubju, ried il-konvenut jalludi fix-xhieda tiegħu, meta qal li l-attur ma riedx iħallas iż-żewġ liri u reġa' qajjem il-kwistjoni l-oħra li ried iħallas wara li l-merkanzija tiġi skarikata. It-telegramm mibgħut mill-konvenut lil Cataramè ma jiswiex biex juri illi, anki wara li sar l-aħħar ftehim, l-attur ried jirtira l-merkanzija mingħajr ma jħallasha, għaliex jidher ċar illi dak it-telegramm ġie spedit qabel; u difatti dak it-telegramm (fol. 9) iġib iddata tas-6 ta' Marzu, proprju d-data meta kienet sejra tiġi

trasportata l-merkanzija l-ewwel darba, u ma ġietx trasportata minħabba l-kwistjoni fuq imsemmija dwar meta kellu jsir il-ħlas; u l-istess telegramm isemmi li ġew meħudin passi legali kontra d-ditta "Bonnici & Zahra", u dawk il-passi legali ma setgħux kienu ħlief l-ittra uffiċjali li l-konvenut bagħat lil dik id-ditta biex tirtira l-merkanzija f'erbgħa u għoxrin siegħa, appuntu dik l-ittra uffiċjali li ġiet mibgħuta wara l-ewwel darba li kien sejjer isir it-trasport (6 ta' Marzu) u qabel ma nqalgħet il-kwistjoni fuq iż-żewġ liri;

Illi għalhekk ma jistax proprjament jingħad li l-attur nomine ma rtirax il-merkanzija; imma, għall-kuntrarju, għandu jiġi ritenut li kien il-konvenut li rrifjuta jikkonsenja l-merkanzija, u mingħajr raġuni tajba, wara li kien sar il-ftehim li tiġi mħallsa quddiem il-post tad-ditta "Bonnici & Zahra" qabel ma tkun skarikata. Taħt dawn iċ-ċirkustanzi, l-attur nomine ma tilefx il-kapparra;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut nomine, li biha dan appella mis-sentenza fuq imsemmija tal-Qorti tal-Kummerċ tad-29 ta' Mejju 1952;

Rat il-petizzjoni ta' l-istess konvenut, li biha dana talab ir-revoka tas-sentenza appellata u ċ-ċaħda tat-talbiet ta' l-attur, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur;

*Omissis;*

Irriflett'et;

Illi l-fatti li taw lok għal din il-kawża huma dawk li ġew rikapitolati fis-sentenza appellata, u ma hemmx għalfejn jiġu mtennija;

**Ikkunsidrat;**

Illi l-partijiet ftehmu li l-konsenja tal-ħbula kellha ssir "posto banchina", u b'dina ftehmu li "posto banchina" kien quddiem il-maħżen ta' l-attur fit-Telgħa ta' Liesse. Għaldaqstant l-attur kellu d-dritt li jeżiġi li l-konsenja ssir quddiem il-maħżen tiegħu, u mhux fejn kienet tinsab maħżuna (v. Pothier, Della Vendita, para. 51). Dina kienet waħda mill-kondizzjonijiet tal-bejgħ, u għalhekk il-konvenut kellu joqgħod għaliha. Skond il-liġi, l-ispejjeż tal-konsenja jbatihom il-bejjiegħ (art. 1433 (1) Kodiċi Civili); u għalhekk, peress li l-lok tal-konsenja kien differenti minn dak ta' fejn kienu l-ħbula għand il-konvenut, dana kellu l-obbligu li jwas-

salhom sal-post ta' *fejn kellu jagħmel* il-konsenja, u għalhekk l-ispejjeż tat-trasport sa dak il-post kienu għalih, għax jagħmlu parti mill-ispejjeż tal-konsenja (v. Baudry Lacantinerie-Saignat, Della Vendita, no. *303*). *Fil-fatti*, fix-xhieda tiegħu l-konvenut stqarr li l-ispejjeż tat-trasport kellu jħallashom hu. Iżda ġara li meta l-attur mar għall-ħbula fejn kienu, sabiex jagħmel l-għażla u l-użin, *il-konvenut ippretenda* li mat-tagħbija tal-ħbula fuq it-truck u l-użin tagħhom l-attur kellu jħallsu bla ma jistenna li jiehu l-konsenja fejn kien miftihem, u l-attur irrofta. U tabilħaqq, *la l-konsenja kellha* ssir quddiem il-maħżen ta' l-attur, fl-assenza ta' ftehim xort'oħra, il-ħlas kellu jsir fil-post fejn kellha ssir il-konsenja (art. 1483 (Kodiċi Ċivili). Għalduqstant dak inhar ma sar xejn għax il-konvenut ma *riedx jerħi* l-ħbula jekk ma jitħallasx hemm stess. F'dik l-okkażjoni kien il-konvenut li naqas mill-obligazzjoni, u mhux l-attur li ried jirċievi u jħallas *il-merkanzija* fejn kien ġie miftihem. Wara dana l-fatt il-konvenut interpella lill-attur biex jirtira l-ħbula, u l-attur ippreżenta ruħu biex jirċevihom. Iżda l-konvenut ippretendu *li l-attur iħallsu* l-ispejjeż tat-trucks *li kien ħallas* ta' xejn fl-okkażjoni ta' qabel; l-attur ma riedx, u l-konvenut irrofta li jagħmel il-konsenja. Il-konvenut igħid li Bonnici, sieħeb *l-attur*, *ftihem* miegħu li jħallsu ta' l-ispejjeż tat-trucks u ta' l-ittra uffiċjali. Dan ġie miċħud minn Bonnici u Zahra, u lanqas ma hu verosimili; għax il-konvenut ma kellu ebda dritt għalihom, peress illi t-tort kien kollu tal-konvenut stess;

Ikkunsidrat;

Illi minn dana li ntqal jidher ċar li kien il-konvenut li reġa' lura mill-obligazzjoni, u mhux *l-attur*; u għalhekk ebda raġuni ma għandu l-konvenut iżomm il-£50 kapparra li kien tah Catarame;

Għal dawn ir-raġunijiet, u għal dawk ta' l-Ewwel Qorti;

Tiċħad l-appell *tal-konvenut u tikkonferma* s-sentenza appellata; bl-ispejjeż kontra l-konvenut nomine.